# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/705

## tas-26 ta' Mejju 2020

## li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta karta termali tqila li toriġina mir-Repubblika tal-Korea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku")u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

#### 1.1. Bidu

(1) Fl-10 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni Ewropea bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni, ta' ċerta karta termali tqila, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea ("il-Korea", jew "il-pajjiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. In-Notifika ta' Bidu ("NoI", Notice of Initiation) ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fis-26 ta' Awwissu 2019 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Karta Termali ("l-ilmentatur") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerta karta termali tqila ("HWTP - heavyweight thermal paper" jew "il-prodott ikkonċernat"). L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u li dannu materjali rriżulta, li kien biżżejjed biex jiġġustifika l-ftuħ tal-investigazzjoni.

(3) Skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirreġistra l-importazzjonijiet soġġetti għal investigazzjoni anti-dumping matul il-perjodu ta' qabel id-divulgazzjoni sakemm ma jkollhiex evidenza biżżejjed li ċerti rekwiżiti ma ġewx issodisfati. Wieħed minn dawn ir-rekwiżiti, kif imsemmi fl-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku, huwa li addizzjonalment għal-livell tal-importazzjonijiet li jkunu kkawżaw dannu matul il-perjodu tal-investigazzjoni jkun hemm żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet. L-importazzjonijiet tal-HWTP mill-Korea wrew tnaqqis qawwi ta' 81 % fl-erba' xhur wara l-bidu tal-investigazzjoni meta mqabbel mal-istess perjodu matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Id-*data* wara l-bidu tal-investigazzjoni kienet ibbażata fuq il-kodiċijiet TARIC maħluqa għall-prodott ikkonċernat fil-bidu tal-investigazzjoni. Din kienet mqabbla mal-medja tal-importazzjonijiet mill-uniku esportatur Korean matul l-erba' xhur tal-perjodu tal-investigazzjoni (PI). Għaldaqstant, il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku ma ntlaħqux. Il-Kummissjoni ma għamlitx l-importazzjnjiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament bażiku peress li ma ntlaħqitx il-kundizzjoni tal-Artikolu 10(4)(d), jiġifieri żieda sostanzjali fl-importazjonijiet.

#### 1.2. Partijiet interessati

(4) Fin-notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-ilmentatur, lil produtturi magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi (esportaturi) magħrufa u lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Korea, lill-importaturi magħrufa, lill-utenti u lill-assoċjazzjonijiet li kien magħruf li kienu kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni, u stednithom jipparteċipaw.

(5) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta għall-proċedimenti kummerċjali.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) In-Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping rigward l-importazzjonijiet, ta' ċerta karta termali tqila, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea (ĠU C 342, 10.10.2019, p. 8).

(6) Saru żewġ seduti ta' smigħ mal-Kummissjoni. Matul is-seduta ta' smigħ li saret fil-5 ta' Diċembru 2019 fuq talba tal-produttur esportatur li kkoopera, il-grupp Hansol, l-importatur relatat tiegħu fl-Unjoni, għadd ta' utenti u ta' rappreżentanti tal-gvern Korean qajmu kwistjonijiet relatati mas-suq tal-HWTP tal-Unjoni, mad-dannu, mal-kawżalità, ma' kwistjonijiet legali u/jew mal-interessi tal-Unjoni. Matul is-seduta ta' smigħ li saret fis-7 ta' Jannar 2020 fuq talba tal-ilmentatur, dan tal-aħħar u xi whud mill-membri tiegħu qajmu kwistjonijiet relatati mad-dannu, mal-kawżalità u mal-interessi tal-Unjoni. L-istqarrijiet li saru waqt dawn is-seduti huma inklużi f'dan ir-Regolament.

1.3. **Kampjunar**

(7) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.3.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(8) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni sostniet li kienet iddeċidiet li tillimita għal għadd raġonevoli l-produtturi tal-Unjoni li kienu se jiġu investigati billi twettaq kampjunar u li kienet għażlet provviżorjament kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun provviżorju fuq il-bażi tal-produzzjoni u l-volum tal-bejgħ tal-Unjoni rrappurtati mill-produtturi tal-Unjoni, fil-kuntest tal-analiżi tar-rappreżentattività tal-bidu. Il-kampjun provviżorju stabbilit b'dan il-mod kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni f'żewġ Stati Membri differenti li l-produzzjoni tagħhom kienet tammonta għal 58,2 % tal-produzzjoni totali stmata tal-Unjoni u għal 57,5 % tal-bejgħ totali tal-Unjoni skont l-informazzjoni disponibbli. Il-Kummissjoni pprovdiet id-dettalji ta' dan il-kampjun provviżorju fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw.

(9) Żewġ partijiet interessati ppreżentaw il-kummenti tagħhom fir-rigward tal-kampjun provviżorju. L-ilmentatur appoġġa bis-sħiħ il-kampjun propost. Il-produttur esportatur Hansol Paper Co., Ltd. allega li l-kampjun propost ma kienx rappreżentattiv peress li inkluda żewġ kumpaniji relatati li jinsabu fl-istess pajjiż. Hansol Paper Co., Ltd. kompla jgħid li l-kampjun provviżorju ma żgurax firxa ġeografika adegwata u ppropona li tiddaħħal Ricoh, ibbażata fi Franza, fil-kampjun.

(10) Il-Kummissjoni qieset li ż-żewġ produtturi li jinsabu fil-Ġermanja kienu l-akbar produtturi tal-prodott simili fl-Unjoni Ewropea (flimkien kienu jirrappreżentaw madwar 47 % tal-produzzjoni totali u 44 % tal-bejgħ totali tal-prodott simili fl-Unjoni fil-perjodu tal-investigazzjoni) u li l-Ġermanja kellha l-ogħla produzzjoni u l-akbar konċentrazzjoni ta' produtturi tal-prodott simili. Barra minn hekk, Ricoh indikat li, minkejja li appoġġat l-ilment, hija ma setgħetx tikkoopera fl-investigazzjoni.

(11) Għalhekk ġie kkonfermat il-kampjun provviżorju, li kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni. Il-kampjun finali, magħmul minn Kanzan Spezialpapiere GmbH u Mitsubishi HiTec Paper Europe GmbH fil-Ġermanja u Jujo Thermal Ltd. fil-Finlandja tqies mill-industrija tal-Unjoni bħala rappreżentattiv.

1.3.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(12) Biex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ kampjunar u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil importaturi mhux relatati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(13) Żewġ importaturi mhux relatati pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun. Minħabba l-għadd żgħir ta' tweġibiet li waslu, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx meħtieġ. Ma sar l-ebda kumment dwar din id-deċiżjoni.

1.4. **It-tweġibiet għall-kwestjonarju**

(14) Il-Kummissjoni stiednet lit-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, liż-żewġ importaturi mhux relatati li wieġbu għall-formola tal-kampjunar u lill-produttur esportatur magħruf fil-Korea, il-grupp Hansol, biex jimlew il-kwestjonarji rilevanti disponibbli online.

(15) Fl-20 ta' Ottubru 2019, il-produttur esportatur talab eżenzjoni għal tliet konvertituri relatati biex jimlew l-Anness I tal-kwestjonarju ewlieni. Fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta fl-24 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni qablet b'mod provviżorju mat-talba.

(16) It-tweġibiet għall-kwestjonarju waslu mingħand it-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, importatur mhux relatat, Ritrama S.p.A., il-produttur esportatur Hansol Paper Co., Ltd ("Hansol Paper") u l-importatur relatat tiegħu Hansol Europe B.V.("Hansol Europe"). Barra minn hekk bagħtu tweġiba żewġ utenti.

### 1.5. **Żjarat ta' verifika**

(17) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja biex jiġu ddeterminati b'mod provviżorju d-dumping, id-dannu riżultanti u l-interessi tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fl-uffiċċji tal-kumpaniji/entitajiet li ġejjin:

(a) Il-produtturi tal-Unjoni:

— Jujo Thermal Ltd., Kauttua, il-Finlandja

— Mitsubishi HiTec Paper Europe GmbH, Bielefeld, il-Ġermanja

— Kanzan Spezialpapiere GmbH, Düren, il-Ġermanja

(b) Produttur esportatur:

— Hansol Paper Co. Ltd, Seoul u Seocheon-gun, Chungcheongnam-do, ir-Repubblika tal-Korea

(c) Importatur relatat:

— Hansol Europe B.V., Hoofddorp, in-Netherlands

### 1.6. **Preżentazzjoni tad-*data***

(18) Minħabba n-numru limitat ta' partijiet li ppreżentaw xi *data*, uħud miċ-ċifri ppreżentati hawn taħt għandhom il-forma ta' firxa numerika minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità ([3]).

### 1.7. **Il-perjodu tal-investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat**

(19) L-investigazzjoni tad-dumping u d-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2018 sat-30 ta' Ġunju 2019 ("il-perjodu tal-investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżaminar tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-aħħar tal-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

## 2. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

### 2.1. **Il-prodott ikkonċernat**

(20) Il-prodott ikkonċernat huwa ċertu karta termali tqila, definita bħala karta termali li tiżen aktar minn 65 g/m$^2$; li tinbiegħ f'rombli b'wisa' ta' 20 cm jew aktar, li jiżnu 50 kg jew aktar (inkluża l-karta) u b'dijametru ta' 40 cm jew aktar (ir-rombli jumbo); b'kisja fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat jew mingħajrha; miksija b'sustanza termosensittiva (jiġifieri taħlita ta' kolorant u żviluppatur li tirreaġixxi u tifforma immaġni meta tiġi applikata s-sħana) fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat; u b'kisja ta' fuq jew mingħajrha, li toriġina mir-Repubblika tal-Korea, li bħalissa taqa' fil-kodiċijiet tan-NM ex 4809 90 00, ex 4811 59 00 u ex 4811 90 00 (il-kodiċijiet TARIC 4809 90 00 20, 4811 59 00 20 u 4811 90 00 20) ("il-prodott ikkonċernat").

(21) L-HWTP hija karta b'użu speċjali. Għandha kisja attiva termali li tirreaġixxi biex tifforma immaġni meta s-sħana tiġi applikata minn stampaturi b'printheads termali. L-HWTP tintuża prinċipalment għal tikketti li jeħlu minnhom infushom, għall-imballaġġ li jintuża fil-kummerċ elettroniku, għall-biljetti u t-tags.

([3]) Id-*data* mill-kumpaniji tal-Unjoni fil-kampjun f'dan ir-Regolament hija ppreżentata f'firxiet minħabba r-riskju li kwalunkwe kumpanija li tieħu sehem fil-kampjun tista' tanalizza b'dekostruzzjoni (reverse-engineers) id-*data* tal-kompetituri tagħha, speċjalment minħabba li tnejn mit-tliet kumpaniji fil-kampjun, sa mid-29 ta' Marzu 2019 huma relatati u mis-6 ta' Awwissu 2019 bdew joperaw bħala kumpaniji f'intragrupp. Id-*data* mill-uniku produttur esportatur li kkoopera qed tingħata f'firxiet peress li hija l-unika kumpanija li kkooperat.

(22) L-HWTP tista' tiġi prodotta b'diversi tipi ta' żviluppaturi: bi żviluppaturi li fihom is-sustanzi (bis)fenoliċi bħalma huwa l-bisfenol A u l-bisfenol S (l-HWTP li fiha l-(bis)fenol), jew bi żviluppaturi li ma għandhom l-ebda fenol (l-HWTP mingħajr il-fenol). Din l-investigazzjoni tikkonċerna lil kull tip. Il-Kummissjoni tosserva madankollu li mit-2 ta' Jannar 2020, l-HWTP bil-bisfenol A hija pprojbita fl-Unjoni ([4]).

### 2.2. **Prodott simili**

(23) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat;

— il-prodott maħdum u mibjugħ fis-suq domestiku tar-Repubblika tal-Korea; kif ukoll

— il-prodott immanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(24) F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ddeċidiet li dawn il-prodotti huma għalhekk prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## 3. **ID-DUMPING**

### 3.1. **Il-valur normali**

(25) Hansol Paper deher li kien l-uniku produttur esportatur tal-prodott ikkonċernat fil-pajjiż ikkonċernat matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(26) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' Hansol Paper kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk it-total tal-volum tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili lill-klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur ikun jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ għall-esportazzjoni tiegħu tal-prodott ikkonċernat lejn Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Abbażi ta' dan, il-bejgħ totali ta' Hansol Paper tal-prodott simili fis-suq domestiku kien rappreżentattiv.

(27) Eventwalment il-Kummissjoni identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħa fuq livell domestiku minn Hansol Paper li kienu identiċi jew paragunabbli mat-tipi ta' prodotti mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni b'bejgħ domestiku rappreżentattiv.

(28) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku, ta' Hansol Paper fis-suq domestiku tagħha, ta' kull tip ta' prodott li huwa identiku jew paragunabbli mat-tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ b'esportazzjoni tal-prodott identiku jew komparabbli lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni stabbiliet li tip wieħed ta' prodott (li jirrappreżenta 25 - 45 % tal-bejgħ domestiku totali ta' Hansol Paper fis-suq domestiku tiegħu) inbiegħ f'volumi ta' inqas minn 5 % tal-volum totali tal-bejgħ b'esportazzjoni lejn l-Unjoni. Għal dan it-tip ta' prodott, il-valur normali nħadem kif spjegat fil-premessi minn (33) sa (34) hawn taħt.

(29) Il-Kummissjoni mbagħad iddefiniet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għat-tip ta' prodott inkwistjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku reali għall-kalkolu tal-valur normali, f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(30) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dan il-bejgħ huwiex profitabbli jew le, jekk:

(a) il-volum tal-bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li huwa daqs jew ogħla mill-kost ikkalkulat tal-produzzjoni, jirrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; kif ukoll

(b) il-prezz medju ponderat tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott ikun daqs jew ogħla mill-kost tal-produzzjoni għal kull unità.

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2235 tat-12 ta' Diċembru 2016 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) fir-rigward tal-bisfenol A (ĠU L 337, 13.12.2016, p. 3).

(31) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dan it-tip ta' prodott matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(32) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku profittabbli biss tat-tipi ta' prodott matul il-perjodu tal-investigazzjoni, jekk:

(a) il-volum tal-bejgħ bi profitt, tat-tip ta' prodott, jirrappreżenta 80 % jew inqas tal-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip, jew

(b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun inqas mill-kost tal-produzzjoni għal kull unità.

(33) L-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li minn 60 sa 80 % ([5]) tal-bejgħ domestiku kollu tat-tip ta' prodott li huwa identiku jew paragunabbli mat-tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kien profittabbli u li l-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien ogħla mill-kost tal-produzzjoni. Għaldaqstant, il-valur normali ġie kkalkulat bħala l-medja ponderata tal-bejgħ bi profitt biss.

(34) Għal dawk it-tip ta' prodotti li ma kellhom l-ebda bejgħ jew li kellhom bejgħ insuffiċjenti tal-prodott simili fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

(35) Il-valur normali nħadem billi nżied dan li ġej mal-kost medju tal-produzzjoni tal-prodott simili tal-produtturi esportaturi matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

(a) l-ispejjeż medji ponderati tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (selling, general and administrative, "SG&A") li għamlu l-produtturi esportaturi li kkooperaw fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fl-andament kummerċjali normali tagħhom, matul il-perjodu tal-investigazzjoni; kif ukoll

(b) il-profitt medju ponderat li għamlu l-produtturi esportaturi li kkooperaw fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fl-andament kummerċjali normali tagħhom, matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

### 3.2. **Il-prezz tal-esportazzjoni**

(36) Hansol Paper esporta lejn l-Unjoni direttament lil klijenti indipendenti jew indirettament permezz ta' Hansol Europe, importatur relatat fl-Unjoni.

(37) Rigward il-bejgħ tal-prodott ikkonċernat direttament lill-konsumaturi indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz effettivament imħallas jew li jrid jiġi mħallas għall-prodott ikkonċernat meta jkun mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(38) Għall-bejgħ tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni permezz ta' Hansol Europe li jaġixxi bħala importatur, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lill-konsumaturi indipendenti fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Il-prezz tal-bejgħ tal-parti relatata lil konsumaturi mhux relatati ġie aġġustat lura għal prezz tal-fabbrika billi tnaqqsu l-SG&A tal-parti relatata, ammont raġonevoli tal-profitt u tal-ispejjeż tat-trasport.

(39) Rigward il-marġini tal-profitt użat, skont il-każistika stabbilita tal-qrati tal-Unjoni ([6]), il-Kummissjoni ma użatx il-marġini tal-profitt tal-kumpanija relatata minħabba li dan mhux ikkunsidrat affidabbli. Parti waħda biss imliet kwestjonarju maħsub għal importaturi mhux relatati fl-Unjoni u qablet li tiżvela l-marġni tal-profitt li kisbet fuq l-attivitajiet tagħha relatati mal-prodott ikkonċernat. Għalhekk, il-profitt ta' Hansol Europe ġie sostitwit b'mod provviżorju bil-marġni ta' profitt ta' din il-parti.

### 3.3. **Tqabbil**

(40) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni abbażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

(41) Fejn kien iġġustifikat mill-ħtieġa li jkun żgurat paragun ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragonabilità tal-prezz, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Il-valur normali ġie aġġustat għat-trasport, l-ispejjeż tal-ippakkjar u l-kostijiet ta' kreditu. Il-prezz tal-esportazzjoni għall-immaniġġar, it-tagħbija u l-ispejjeż anċillari, it-trasport, l-assigurazzjoni, l-ispejjeż tal-ippakkjar, l-ispejjeż ta' kreditu, it-tariffi bankarji, il-kummissjonijiet u r-ribassi ta' tmiem is-sena meta dawn nstabu li kienu raġonevoli, preċiżi u sostnuti minn evidenza verifikata.

([5]) Iċ-ċifra eżatta mhijiex ipprovduta peress li din hija d-data speċifika għall-kumpanija.

([6]) Ara pereżempju l-paragrafu 68 tas-Sentenza tal-Qorti Ġenerali (it-Tieni Awla) tas-17 ta' Marzu 2015 fil-Kawża T-466/12, RFA International, LP vs il-Kummissjoni Ewropea.

### 3.4. **Marġni tad-dumping**

(42) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat tat-tip rispettiv ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikoli 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(43) Fuq din il-bażi, il-marġni medju ponderat ta' dumping provviżorju, espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, jammonta għal 22,3 % għall-uniku produttur esportatur li kkoopera.

(44) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fir-Repubblika tal-Korea, jekk hemm, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġini tad-dumping abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw lejn l-Unjoni espress bħala proporzjon tal-volum totali ta' esportazzjoni — kif irrapportat fl-istatistika tal-importazzjonijiet tal-Eurostat — mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni.

(45) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet ta' Hansol Paper kienu jikkostitwixxu 100 % tal-esportazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibbaża l-marġini tad-dumping residwu fl-istess livell tal-produttur esportatur li kkoopera.

(46) Il-marġnijiet provviżorji ta' dumping espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

| *Kumpanija* | *Il-marġni provviżorju ta' dumping* |
|---|---|
| Hansol Paper Co., Ltd | 22,3 % |
| Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 22,3 % |

## 4. **DANNU**

### 4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(47) Il-prodott simili kien immanifatturat minn seba' produtturi magħrufin fl-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Huma jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(48) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni kienet stabbilita għal 214 227 tunnellata metrika. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tat-tweġiba għall-kwestjonarju li ppreżenta l-ilmentatur, u vverifikata mat-tweġibiet tal-kwestjonarju individwali tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Kif indikat fil-premessi (8) u (11), tliet produtturi tal-Unjoni ntgħażlu fil-kampjun u kienu jirrappreżentaw madwar 58,2 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

### 4.2. **Il-konsum fl-Unjoni**

(49) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni fuq il-bażi tal-bejgħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni, l-istimi tal-ilmentatur fuq l-importazzjonijiet tal-HWTP minn pajjiżi oħra u l-bejgħ fl-Unjoni mill-uniku produttur esportatur Korean abbażi tat-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju.

(50) Il-konsum fl-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 1*

**Il-konsum tal-Unjoni (tunnellati)**

| | 2016 | 2017 | 2018 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Konsum totali tal-Unjoni | 178 000 – 184 000 | 182 000 – 188 000 | 188 000 – 192 000 | 180 000 – 186 000 |
| *Indiċi* | *100* | *102* | *105* | *101* |

*Sors:* Il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, il-produttur esportatur, l-ilment u l-Eurostat.

(51) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum tal-Unjoni żdied kemxejn, b'1 %. Żdied b'5 % fil-perjodu bejn l-2016 u l-2018 u mbagħad naqas b'4 % fil-perjodu tal-investigazzjoni.

### 4.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

#### 4.3.1. *Il-volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(52) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju li ssottometta l-uniku produttur esportatur Korean. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit billi l-volum tal-importazzjonijiet ġie mqabbel mal-konsum tal-Unjoni.

(53) L-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

*Tabella 2*

**Il-volum tal-importazzjoni (tunnellati) u s-sehem mis-suq**

| | 2016 | 2017 | 2018 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat (tunnellati) | 9 500 – 11 500 | 6 500 – 8 500 | 15 500 – 17 500 | 18 500 – 20 500 |
| *Indiċi* | *100* | *69* | *155* | *183* |
| Is-sehem mis-suq (%) | 5,5–6,5 | 3,5–4,5 | 8–9 | 10–11 |
| *Indiċi* | *100* | *68* | *149* | *180* |

*Sors:* Produttur esportatur.

(54) Kollox ma' kollox l-importazzjonijiet Koreani żdiedu bi 83 % matul il-perjodu kkunsidrat. Wara tnaqqis ta' 31 % fl-2017, l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea żdiedu b'mod sinifikanti, b' 165 % mill-2017 sal-perjodu tal-investigazzjoni. Kollox ma' kollox is-sehem mis-suq tagħhom żdied bi 80 % matul il-perjodu kollu, u l-akbar żieda sinifikanti (+ 165 %) seħħet bejn l-2017 u l-perjodu tal-investigazzjoni.

#### 4.3.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqigħ tal-prezzijiet*

(55) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tat-tweġiba għall-kwestjonarju li ssottometta l-produttur esportatur.

(56) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

*Tabella 3*

**Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)**

| | 2016 | 2017 | 2018 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Prezz medju tal-importazzjonijiet Koreani | 1 050 – 1 150 | 1 000 – 1 100 | 1 180 – 1 280 | 1 420 – 1 520 |
| *Indiċi* | *100* | 95 | 112 | 134 |

*Sors:* Produttur esportatur.

(57) Il-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu f'daqqa waħda fl-2018 bi 17-il punt perċentwali apparagun tas-sena ta' qabel, u b'mod ġenerali b'34 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(58) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu tal-investigazzjoni billi qabblet:

— il-prezzijiet medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-prodottur esportatur li kkoopera fil-pajjiż ikkonċernat mitlub lill-ewwel konsumatur indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbilit fuq bażi ta' kost, assigurazzjoni u nol (CIF, cost, insurance, freight), bl-aġġustamenti adegwati għall-ispejjeż ta' wara l-importazzjoni. kif ukoll

— il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti tal-bejgħ għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun mitluba lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell tal-prezz mill-fabbrika;

(59) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għal tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, aġġustati kif dovut fejn meħtieġ, u wara t-tnaqqis tar-rifużjonijiet u l-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-fatturat ipotetiku tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Dan wera marġini ta' tnaqqis medju ponderat ta' 11,1 % għall-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat. Instab li madwar 99,4 % tal-volumi tal-importazzjoni kienu qed iroħħsu l-prezz.

## 4.4. **Il-qagħda ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

### 4.4.1. *Kummenti ġenerali*

(60) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-analiżi tal-impatt li għandhom l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(61) Kif imsemmi fil-premessa (11), intuża l-kampjunar biex jiġi stipulat id-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(62) Biex jiġi stipulat id-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi makroekonomiċi u mikroekonomiċi tad-dannu. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi ta' *data* inkluża fit-tweġibiet tal-kwestjonarju mill-ilmentatur. Din id-*data* hija marbuta mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet tal-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Iż-żewġ ġabriet ta' *data* nstabu li huma rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(63) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività u d-daqs tal-marġni tad-dumping.

(64) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji ta' unità, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabilità, il-flussi tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-kapital.

### 4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

#### 4.4.2.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

(65) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 4*

**Il-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità**

| | 2016 | 2017 | 2018 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-produzzjoni (tunnellati) | 219 069 | 228 616 | 221 717 | 214 227 |
| *Indiċi* | *100* | *104* | *101* | *98* |
| Kapaċità tal-produzzjoni (unità tal-kejl) | 380 906 | 375 058 | 391 499 | 404 863 |
| *Indiċi* | *100* | *98* | *103* | *106* |
| Użu tal-kapaċità (%) | 58 | 61 | 57 | 53 |
| *Indiċi* | *100* | *106* | *98* | *92* |

*Sors:* Tweġiba għall-kwestjonarju mibgħuta mill-ilmentatur.

(66) Il-produzzjoni tal-HWTP hija attività bi spiża fissa għolja. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 2 %, bi tnaqqis saħansitra aktar qawwi ta' sitt (6) punti perċentwali mill-2017 'l hawn. Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet b' 6 %. It-tnaqqis tar-rata tal-użu tal-kapaċità bi 8 % fuq il-perjodu kollu huwa marbut kemm mat-tnaqqis tal-volum tal-produzzjoni kif ukoll maż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni.

4.4.2.2. Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

(67) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u s-sehem mis-suq żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 5*

**Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq**

| | 2016 | 2017 | 2018 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati) | 150 000 – 160 000 | 170 000 – 180 000 | 160 000 – 170 000 | 150 000 – 160 000 |
| *Indiċi* | *100* | *109* | *104* | *98* |
| Is-sehem mis-suq (%) | 85–90 | 90–95 | 85–90 | 80–85 |
| *Indiċi* | *100* | *107* | *99* | *97* |

*Sors:* Kwestjonarji u informazzjoni dwar id-dannu ppreżentati mill-ilmentatur

(68) Għalkemm il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żdied b'9 % mill-2016 sal-2017, minn dak iż-żmien 'l hawn kien hemm tnaqqis kostanti ta' 2 % matul il-perjodu kkunsidrat, f'konformità mat-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni.

(69) Matul il-perjodu kkunsidrat, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni f'volum ta' bejgħ wera xejra simili. Naqas bi 3 %.

4.4.2.3. Tkabbir

(70) Il-konsum tal-Unjoni żdied bi ftit, b'1 % matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas bi ftit, bi 2 %. Għaldaqstant l-industrija tal-Unjoni tilfet mis-sehem mis-suq, bil-kuntrarju għall-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, li s-sehem tiegħu mis-suq żdied b'mod konsiderevoli matul il-perjodu kkunsidrat u assorbixxa ż-żieda kollha fil-konsum.

4.4.2.4. Impjiegi u produttività

(71) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej:

*Tabella 6*

**Impjiegi u produttività**

| | 2016 | 2017 | 2018 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Numru ta' impjegati | 1 213 | 1 241 | 1 224 | 1 232 |
| *Indiċi* | *100* | *102* | *101* | *102* |
| Produttività (tunnellati/impjegat) | 181 | 184 | 181 | 174 |
| *Indiċi* | *100* | *102* | *100* | *96* |

*Sors:* Informazzjoni ppreżentata mill-ilmentatur.

(72) Il-livell tal-impjiegi tal-industrija tal-Unjoni baqa' pjuttost stabbli matul il-perjodu kkunsidrat, u żdied bi ftit, bi 2 %. Din it-tendenza tista' tiġi spjegata min-natura kontinwa tal-proċess ta' produzzjoni tal-HWTP, li huwa ferm awtomatizzat, kontinwu u ġie razzjonalizzat b'mod sinifikanti. Il-produzzjoni tal-karta termali tinvolvi spejjeż fissi għoljin. Il-magni ma jistgħux jitwaqqfu faċilment mingħajr ma jkun hemm impatt sinifikanti fuq il-proċess ta' produzzjoni. Għalhekk, il-produtturi minflok inaqqsu l-għadd ta' impjegati fuq xi magna partikolari, il-produtturi jċaqalqu l-produzzjoni għal tip ieħor ta' karta. Għaldaqstant, il-livelli tal-impjieg isegwu l-produzzjoni ta' tipi differenti ta' karti u t-tqassim ta' dawn it-tipi. L-industrija tal-Unjoni ppruvat iżżomm l-impjiegi minkejja l-profittabilità dejjem tonqos.

4.4.2.5. Il-kobor tal-marġni tad-dumping

(73) Il-marġini tad-dumping kien ferm ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tal-kobor tal-marġini ta' dumping effettiv fuq l-industrija tal-Unjoni ma kienx negliġibbli, meta wieħed iqis il-volum dejjem jiżdied tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(74) Il-prezzijiet medji ponderati ta' bejgħ ta' kull unità, tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, mitluba lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni, żviluppaw kif ġej fil-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 7*

**Prezzijiet ta' bejgħ fl-Unjoni**

| | 2016 | 2017 | 2018 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Prezz ta' bejgħ medju mill-fabbrika ta' kull unità fl-Unjoni mitlub lil klijenti mhux relatati (EUR/tunnellata) | 1 800 – 1 810 | 1 825 – 1 835 | 1 985 – 1 995 | 2 060 – 2 070 |
| *Indiċi* | *100* | *101* | *110* | *114* |
| Kost tal-produzzjoni ta' unità mill-fabbrika (EUR/tunnellata) | 1 530 – 1 540 | 1 600 – 1 610 | 1 845 – 1 855 | 1 880 – 1 890 |
| *Indiċi* | *100* | *105* | *120* | *123* |

*Sors*: Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(75) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezz medju tal-bejgħ ta' kull unità żdied b'14 % u l-kost tal-produzzjoni ta' kull unità żdied bi 23 %. Din iż-żieda fil-kost tal-produzzjoni kienet l-aktar minħabba ż-żieda fil-kostijiet tal-lewkokolorant kimiku ("ODB2") li jiġi applikat fil-kisja waqt il-proċess ta' produzzjoni tal-HWTP. Fi tmiem l-2017 u matul l-2018, l-għeluq temporanju tal-impjanti ta' produzzjoni tal-ODB2 fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ") ikkawża nuqqas kbir ta' din il-kimika fid-dinja kollha. B'riżultat ta' dan, il-prezzijiet tal-produzzjoni żdiedu mir-raba' trimestru tal-2017 u tul l-2018, u dan kellu impatt fuq il-PI.

(76) Id-differenza bejn il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità u l-kost tal-produzzjoni ta' unità turi li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kapaċi tirkupra l-ispejjeż kollha tal-produzzjoni li żdiedu minħabba l-pressjoni tal-prezzijiet li rriżultat mill-importazzjonijiet Koreani li huma l-oġġett ta' dumping.

4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(77) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 8*

**Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat**

| | 2016 | 2017 | 2018 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR) | 55 000 – 56 000 | 57 000 – 58 000 | 56 500 – 57 500 | 57 000 – 58 000 |

| | 2016 | 2017 | 2018 | PI |
|---|---|---|---|---|
| *Indiċi* | *100* | *104* | *103* | *104* |

*Sors:* Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(78) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żdiedu b'4 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-kostijiet lavorattivi għal kull impjegat żdiedu speċjalment fl-2017, meta żdiedu l-produzzjoni u l-produttività.

4.4.3.3. Inventarji

(79) Il-livelli tal-istokkijiet tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 9*

**Inventarji**

| | 2015 | 2016 | 2017 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Stokkijiet tal-għeluq (tunnellati) | 13 100 – 13 200 | 14 350 – 14 450 | 13 800 – 13 900 | 15 650 – 15 750 |
| *Indiċi* | *100* | *110* | *105* | *119* |
| Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%) | 9,5–10,5 | 10,5–11,5 | 10–11 | 12–13 |
| *Indiċi* | *100* | *107* | *105* | *122* |

*Sors:* Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(80) Matul il-perjodu kkonċernat, il-livelli tal-istokkijiet tal-għeluq tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'mod sinifikanti, biex laħqu tkabbir ta' 19 % matul il-PI meta apparagun tal-2016.

4.4.3.4. Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investiment u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital

(81) Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 10*

**Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti**

| | 2016 | 2017 | 2018 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ) | 8–11 | 5–8 | 2–5 | 2–5 |
| *Indiċi* | *100* | *70* | *36* | *31* |
| Flussi ta' flus (EUR) | 28 000 000–30 000 000 | 16 500 000–18 500 000 | 4 000 000–5 000 000 | 2 000 000–3 000 000 |
| *Indiċi* | 100 | *61* | *16* | *8* |
| Investimenti (EUR) | 2 500 000–3 000 000 | 3 000 000–3 500 000 | 5 000 000–5 500 000 | 6 500 000–7 000 000 |
| *Indiċi* | *100* | *119* | *176* | *237* |
| Redditu fuq l-investimenti (%) | 48–52 | 30–34 | 7–11 | 16–20 |
| *Indiċi* | *100* | *64* | *18* | *35* |

*Sors:* Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(82) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dan il-bejgħ. Il-profittabilità naqset b'mod drastiku matul il-perjodu kkunsidrat bi kważi 70 %, minħabba li l-industrija ma kinitx kapaċi tikkumpensa iż-żieda fil-kost tal-produzzjoni bi prezzijiet tal-bejgħ aktar għoljin. Il-pressjoni konsiderevoli fuq il-prezzijiet eżerċitata fuq l-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet li qed jiżdiedu mill-Korea, speċjalment fil-perjodu mill-2017 sal-PI, ma ppermettietx li l-industrija tal-Unjoni tibbenefika mill-kemxejn żieda fil-konsum tal-Unjoni.

(83) Il-fluss tal-flus nett huwa l-abbiltà tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw huma stess l-attivitajiet tagħhom. Ix-xejra fil-fluss tal-flus nett segwiet xejra qawwija 'l isfel, l-aktar minħabba t-tnaqqis fil-profittabilità.

(84) Il-livell ta' investimenti annwali, li huwa wkoll għal prodotti oħra apparti l-HWTP, żdied b'137 % matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, iż-żieda fil-livelli ta' investiment ma sarrfitx f'żidiet korrispondenti fil-kapaċità għall-HWTP (ara t-tabella 4). L-investimenti fl-HWTP kellhom biss l-għan li jżommu l-kapaċitajiet eżistenti u li jagħmlu s-sostituzzjonijiet debiti tal-assi ta' produzzjoni meħtieġa. Il-produzzjoni tal-HWTP hija industrija intensiva fl-assi. L-industrija tal-Unjoni trid regolarment tissostitwixxi makkinarju li għamel żmienu jew li ma jistax jibqa' jintuża. Produttur tal-Unjoni wieħed biss ilu jinvesti f'linja ta' produzzjoni ġdida (f'impjant tal-karta u f'magna tal-kisi) biex iżid il-kapaċità, li għandha tintuża l-aktar għal prodotti oħra għajr l-HWTP.

(85) Il-livell totali tal-investimenti kien insinifikanti fir-rigward tal-ispiża totali tal-bini ta' linja ta' produzzjoni ġdida. Fil-kumpaniji inklużi fil-kampjun, l-investimenti baqgħu inqas mir-rata ta' deprezzament. Fid-deċiżjoni tagħha dwar il-karta termali ħafifa ([7]) ("LWTP"), il-Kummissjoni qieset li "*minkejja l-fatt li l-investimenti rduppjaw, il-livell assolut tal-investimenti baqa' limitat, b'mod partikolari meta jitqies il-fatt li pereżempju, il-valur stmat ta' linja tal-produzzjoni ġdida tal-LWTP huwa ta' EUR 120 miljun*". Peress li l-HWTP hija prodotta fuq l-istess magni bħall-LWTP u li l-livelli ta' investiment globali tal-HWTP kienu saħansitra inqas mil-livelli osservati matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni għall-LWTP (matul il-PI, l-investimenti fl-HWTP kienu jammontaw għal EUR 6,5 – 7,0 miljun apparagun ta' EUR 4,5 – 9,0 miljun ta' investimenti għal-LWTP fl-2015, jiġifieri waqt l-investigazzjoni fil-PI għal-LWTP), jista' jiġi konkluż li l-livell ta' investimenti tal-industrija tal-Unjoni kien f'livell perikolożament baxx.

(86) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt fil-perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Dan żviluppa b'mod negattiv matul il-perjodu kkunsidrat, li jirrifletti x-xejra għall-profittabilità u l-flussi tal-flus. B'mod ġenerali, il-produtturi fil-kampjun żammew il-livell tagħhom ta' investiment għall-ammonti meħtieġa biex ikomplu għaddejjin bl-attività.

4.4.4. *Il-konklużjoni dwar id-dannu*

(87) Matul il-perjodu kkunsidrat, id-dannu tal-industrija tal-Unjoni kien materjali u evidenti fir-rigward tal-indikaturi tad-dannu relatati mal-prezzijiet, bħall-profittabilità jew il-fluss tal-flus.

(88) Barra minn hekk, f'dak li għandu x'jaqsam mal-indikaturi tad-dannu relatati mal-volum, il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni naqas b'10 punti perċentwali mill-2017, biex ntlaħaq volum ta' bejgħ saħansitra aktar baxx matul il-PI apparagun tal-2016. B'kuntrast ma' dan, matul il-perjodu kkunsidrat, l-esportatur Korean uniku rnexxielu kważi jirdoppja l-esportazzjonijiet tiegħu, u żied b'mod sinifikanti s-sehem mis-suq tiegħu, bi kważi 5 punti perċentwali. Iż-żieda fil-perjodu ta' bejn l-2017 u l-PI kienet partikolarment notevoli. L-esportatur Korean kważi ttripplika l-esportazzjonijiet u s-sehem mis-suq tiegħu. Il-pożizzjoni tal-industrija tal-Unjoni marret sostanzjalment għall-agħar bħala riżultat taż-żieda fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(89) Id-diffikultajiet biex jiġi ġġenerat il-kapital poġġew taħt pressjoni l-kapaċità ta' investiment fi proċessi ta' produzzjoni ġodda u innovattivi tal-HWTP. Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni investiet fil-livell minimu meħtieġ sabiex timmodernizza u tissostitwixxi t-tagħmir skadut u biex timplimenta l-aġġornamenti tekniċi meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni ambjentali. Minkejja azzjonijiet konkreti biex jiġu ottimizzati l-proċessi interni mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat sabiex titjieb il-prestazzjoni ġenerali tagħha, is-sitwazzjoni tagħha ddeterjorat b'mod sinifikanti fir-rigward tal-profittabilità u t-telf tas-sehem mis-suq.

(90) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni f'dan l-istadju għalhekk ikkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/763 tat-2 ta' Mejju 2017 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ċerta karta termali ħafifa li toriġina mir-Repubblika tal-Korea (ĠU L 114, 3.5.2017, p. 3), premessa 91.

## 5. **RABTA TA' KAWŻALITÀ**

(91) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 3 (7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħrajn setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi għajr l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż kkonċernat ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima, l-allegata inkapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tissodisfa d-domanda tal-prodotti mingħajr il-Bisfenol A ("mingħajr BPA") u mill-kompetizzjoni domestika fost il-produtturi tal-Unjoni.

### 5.1. **L-effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping**

(92) Kien hemm korrelazzjoni ċara bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Korea u s-sitwazzjoni deterjoranti tal-industrija tal-Unjoni. L-importazzjonijiet mill-Korea żdiedu bi 83 % matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Iż-żieda sostanzjali fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Korea kienet b'mod ċar ta' detriment għall-industrija tal-Unjoni, li s-sehem fis-suq tagħha niżel bi 3 % matul il-perjodu kollu kkunsidrat u b'10 % mill-2017 'l hawn.

(93) Il-prezzijiet Koreani kienu b'mod konsistenti u sinifikanti taħt il-prezzijiet tal-Unjoni. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Koreani kienu inferjuri għall-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, b'marġni ta' twaqqigħ fil-prezz ta' 11,1 % matul il-PI. L-Industrija tal-Unjoni ma setgħetx tispjega ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni fil-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni, u dan juri l-pressjoni fuq il-prezzijiet li għamlu l-importazzjonijiet ikkonċernati. Din is-sitwazzjoni kellha impatt serju fuq il-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni, li naqset għal livelli baxxi ħafna matul il-PI.

(94) Fid-dawl tal-koinċidenza stabbilita b'mod ċar fiż-żmien bejn, minn naħa waħda, il-livell dejjem jiżdied ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet li nsab li kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, l-istaġnar tal-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, it-telf tas-sehem mis-suq u t-tnaqqis fil-profittabilità, jista' jiġi konkluż li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kienu responsabbli għas-sitwazzjoni ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

### 5.2. **Effetti ta' fatturi oħra**

#### 5.2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra*

(95) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 11*

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra**

| | | 2016 | 2017 | 2018 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Total tal-pajjiżi terzi ħlief il-pajjiż ikkonċernat | Volum (tunnellati) | 12 000 – 13 000 | 4 000–5 000 | 8 000–9 000 | 8 000 – 9 000 |
| | *Indiċi* | *100* | *38* | *69* | *69* |
| | Is-sehem mis-suq (%) | 6,5–7,5 | 2–3 | 4–5 | 4–5 |
| | *Indiċi* | *100* | *38* | *66* | *68* |
| | Prezz medju | 1 800–1 900 | 1 600–1 700 | 1 700–1 800 | 2 000 – 2 100 |
| | *Indiċi* | *100* | *92* | *97* | *113* |

*Sors:* Ilment, Eurostat u l-estimi tal-Kummissjoni.

(96) Fir-rigward tas-snin ta' qabel il-perjodu tal-investigazzjoni, il-volumi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi kienu bbażati fuq l-ilment. Għall-PI, il-volum ġie kkalkulat bil-multiplikazzjoni tad-*data* marbuta mal-ilmenti tal-2018 mad-differenza ta' bejn l-2018 u l-PI (-0,1 %) indikata mid-*data* tal-Eurostat bil-kodiċijiet tan-NM 4809 90 00, 4811 59 00 u 4811 90 00. Il-prezz matul il-perjodu kkunsidrat kien ibbażat fuq *data* tal-Eurostat, fejn bħala l-eqreb

approssimazzjoni ittieħed id-differenzjar tal-prezzijiet Koreani bejn il-prodott ikkonċernat u l-prodotti l-oħra li jaqgħu taħt l-istess kodiċijiet tan-NM. Għalhekk, sar aġġustament abbażi tal-proporzjon fil-prezz bejn il-prezzijiet tal-Eurostat għall-Korea u l-prezzijiet tal-bejgħ reali tal-produttur esportatur Korean.

(97) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra naqsu b'31 % f'termini ta' volumi matul il-perjodu kkunsidrat u s-sehem mis-suq tagħhom fl-Unjoni bi 32 %. Dawn il-volumi ta' importazzjoni saru bi prezzijiet kemxejn aktar baxxi mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, iżda ferm ogħla mill-prezz medju użat mill-esportatur Korean. L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra għalhekk sofrew ukoll miż-żieda fl-importazzjonijiet Koreani.

(98) Il-produttur esportatur iddikjara li l-importazzjonijiet mir-RPĊ kienu se jikkontribwixxu għal prezzijiet aktar baxxi u kienu jkomplu jżidu l-pressjoni 'l isfel fil-prezz li diġà kienet ġiet ikkawżata minn politiki ta' pprezzar aggressiv ta' ċerti produtturi tal-Unjoni. L-importazzjonijiet mir-RPĊ kienu f'livelli baxxi ħafna, bejn 1 500 u 2 500 tunnellata fl-2018 ([8]). Is-sehem mis-suq ta' dawn l-importazzjonijiet kien stmat li kien jammonta għal madwar 1 % tal-konsum tal-Unjoni. B'paragun ma' dan, l-importazzjonijiet mill-Korea, kif ivverifikati, ammontaw għal bejn 15 500 u 17 500 tunnellata f'dik is-sena. F'tali livelli baxxi, l-importazzjonijiet Ċiniżi ma kellhomx effett evidenti fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkonċernat. Barra minn hekk, il-prezzijiet ta' dawk l-importazzjonijiet fl-Unjoni, skont il-metodu deskritt fil-premessa (96), kienu ferm ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Korea u f'livell simili għal dawk tal-Industrija tal-Unjoni.

(99) Għalhekk, ġie konkluż b'mod provviżorju li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi probabbilment ma kkawżawx dannu għall-industrija tal-Unjoni u ma jnaqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.2. Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

(100) Il-volum tal-esportazzjonijiet (bejgħ mhux relatat) tal-industrija tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*It-Tabella 12*

**Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

| | 2016 | 2017 | 2018 | PI |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati) | 38 591 | 39 545 | 36 234 | 33 336 |
| *Indiċi* | *100* | 102 | 94 | 86 |
| Prezz medju (EUR/tunnellata) | 1 650 – 1 750 | 1 650 – 1 750 | 1 800 – 1 900 | 1 950 – 2 050 |
| *Indiċi* | *100* | 99 | 107 | 116 |

*Sors:* L-istimi tal-ilmentatur u t-tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarju għall-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(101) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-esportazzjonijiet lil klijenti mhux relatati mill-industrija tal-Unjoni naqas b'14 %. Il-prezzijiet telgħu b'16 %. Is-sehem tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni fuq il-volum totali tal-bejgħ tagħhom naqas b'madwar 10 % matul il-perjodu kkunsidrat, u laħaq 17,7 % matul il-PI. L-impatt tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kien għalhekk limitat.

(102) Ġie konkluż b'mod provviżorju li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ma setax ikollha impatt sinifikanti fuq id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u li ma tnaqqasx ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.3. *Żieda fil-prezzijiet tal-materja prima*

(103) L-għeluq temporanju tal-impjanti ta' produzzjoni fir-RPĊ fl-2017 u fl-2018 ikkawża nuqqas ta' ODB2, input kimiku, fi tmiem l-2017 u matul l-2018. Il-prezzijiet tal-ODB2 żdiedu b'madwar 500 % bejn Settembru 2017, meta l-ewwel impjanti Ċiniżi għalqu, u kmieni fl-2018. Skont il-grad speċifiku tal-prodott ikkonċernat ([9]), din is-sustanza

([8]) Estimi mill-ilmentatur.

([9]) ODB2 tintuża fi kwantitajiet differenti skont il-kompożizzjoni tal-kisi applikat.

kimika kienet tirrappreżenta minn 7 sa 15 % tal-ispiża tal-produzzjoni totali tal-HWTP matul il-perjodu ta' investigazzjoni ([10]). Dan in-nuqqas kellu impatt fuq l-istruttura tal-ispejjeż tal-industrija tal-karta termali globali peress li din laqtet lill-produtturi kollha tal-HWTP b'mod ugwali madwar id-dinja, anke fil-Korea.

(104) Il-produttur esportatur iddikjara li ż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima, speċjalment minħabba n-nuqqas ta' ODB2, flimkien ma' kuntratti ta' terminu twil, naqqsu il-profittabilità u kkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni ma kinitx tkun kapaċi titrasferixxi ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni fil-prezzijiet tal-bejgħ tagħha minħabba n-natura fit-tul tal-kuntratti ta' provvista tagħha tal-HWTP. Għaldaqstant iffukat fuq il-qasam tal-LWTP minħabba l-karatteristika flessibbli tas-suq tal-provvista tal-LWTP peress li l-prezzijiet mhumiex innegozjati fuq terminu twil.

(105) Quddiem din is-sitwazzjoni, u għall-kuntrarju tal-allegazzjonijiet tal-produttur esportatur, l-industrija tal-Unjoni setgħet iżżid il-prezzijiet tagħha kważi immedjatament minħabba li ma kellhiex kuntratti fissi fuq terminu twil mal-klijenti tagħha, iżda pjuttost "ftehimiet ta' rġulija" flessibbli. Il-parti l-kbira tal-klijenti, inklużi l-laminaturi l-kbar, aċċettaw żieda immedjata fil-prezz wara l-kriżi tal-ODB2.

(106) Madankollu, hekk kif iż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni ħabtet maż-żieda fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Korea, il-produtturi Ewropej ma setgħux jgħaddu ż-żieda kollha tal-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom fuq il-klijenti tagħhom. Setgħu biss iżidu l-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom parzjalment bħala kumpens għaż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima ([11]). L-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ġagħluhom jassorbu parti kbira miż-żidiet fl-ispejjeż. Il-produttur esportatur Korean seta' jgħaddi ż-żieda fl-ispejjeż fuq il-klijenti tiegħu billi żied il-prezzijiet tal-bejgħ b'34 % matul il-perjodu kkunsidrat. Minħabba li l-prezzijiet Koreani kienu konsistentement aktar baxxi mill-prezzijiet tal-Unjoni kif ukoll l-oġġett ta' dumping, dawn impedew lill-industrija tal-Unjoni milli tgħaddi kompletament iż-żieda fl-ispejjeż. Minħabba l-imġiba aggressiva fl-ipprezzar tal-produttur esportatur Korean, l-industrija tal-Unjoni setgħet tgħaddi ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni fil-prezzijiet tal-bejgħ tagħha fl-Unjoni b'madwar 50 % biss.

(107) Sabiex tiġi aktar evidenzjata r-rabta ta' kawżalità bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Korea u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, sar tqabbil mal-prestazzjoni tal-LWTP. Tabilħaqq, fil-produzzjoni tal-HWTP u tal-LTWP ntużaw magni u teknoloġija identiċi; it-tnejn li huma użaw l-istess prodotti ta' input u ffaċċjaw karatteristiċi simili tas-suq. L-LWTP ġiet affettwata mill-istess żieda fil-kost tal-materja prima bl-istess mod bħall-prodott ikkonċernat. Matul il-PI, l-importazzjonijiet tal-LWTP mill-Korea kienu soġġetti għal dazji anti-dumping.

(108) Tnejn mit-tliet produtturi fil-kampjun ipproduċew u biegħu wkoll kwantitajiet sinifikanti ta' LWTP matul il-perjodu kkunsidrat. Matul il-PI, il-marġni ta' profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fuq il-HWTP kien f'livell ta' bejn 2 u 5 %. Din iċ-ċifra hija konsiderevolment inqas mill-marġni vverifikat ta' profittabilità għal prodotti oħra mmanifatturati, fejn l-LWTP għandha sehem kbir, u ntlaħqet mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fl-2018 u matul il-PI, minkejja l-ogħla livell ta' prezzijiet milħuq mill-ODB2. Il-produtturi tal-Unjoni kienu kapaċi jsostnu żidiet fil-kost tal-input f'suq mhux imxekkel minn importazzjonijiet bi prezz inġust ([12]). Dan juri li hija l-pressjoni fuq il-prezzijiet minn importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping li qed tikkawża t-tnaqqis fil-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni tal-HWTP.

(109) Il-produttur esportatur sostna wkoll li, minħabba n-nuqqas fl-ODB2, l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kapaċi tissodisfa d-domanda fis-suq tal-Unjoni u żied jgħid li l-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqset fl-2018 u matul il-PI minħabba n-nuqqas ta' ODB2. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni kellha biżżejjed kapaċità żejda biex tissodisfa d-domanda (ara l-premessa (65)) u l-investigazzjoni tal-Kummissjoni sabet li l-ebda wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ma rrifjuta xi ordni ta' xiri minħabba nuqqas ta' ODB2.

(110) Ġie konkluż b'mod provviżorju li ż-żieda fil-prezz tal-ODB2 ma naqqsitx ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.4. *L-allegata inkapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tissodisfa d-domanda ta' prodotti mingħajr BPA*

(111) Il-produttur esportatur iddikjara li t-tranżizzjoni kajmana tal-industrija tal-Unjoni għal prodotti mingħajr BPA kkawżat l-allegata żieda fjakka fil-bejgħ tiegħu.

([10]) *Sors*: L-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

([11]) Filwaqt li l-prezzijiet żdiedu b'14 %, il-kostijiet tal-produzzjoni żdiedu bi 23 % (it-Tabella 7).

([12]) Il-miżuri anti-dumping bħalissa huma applikabbli fuq l-importazzjonijiet tal-LWTP mill-Korea, li stabbilew mill-ġdid kundizzjonijiet ekwi.

(112) L-ewwel nett, l-investigazzjoni stabbiliet li l-biċċa l-kbira tal-produtturi Ewropej ilhom jipproduċu prodotti mingħajr BPA diġà għal aktar minn 20 sena ([13]).

(113) Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni stqarret u wriet fil-bejgħ tagħha matul il-PI li hija kompliet tbigħ karta bil-BPA għax kien hemm domanda kontinwa għal din il-karta, u dan għaliex il-prezz tal-prodotti li fihom il-BPA kien orħos ([14]). L-utenti tal-HWTP, bħal laminaturi u konvertituri, komplew jordnaw l-HWTP li jkollha l-BPA minkejja li kienet liberament disponibbli dik mingħajr BPA. Dan kompla jsostni d-dikjarazzjoni tal-industrija tal-Unjoni li l-klijenti għażlu li jipposponu li jaqilbu sa kemm setgħu (fil-prattika sa nofs l-2019) minħabba l-prezz ogħla tal-alternattivi mingħajr BPA.

(114) Ma ngħatat l-ebda evidenza li l-produtturi tal-Unjoni kellhom nuqqas ta' BPA jew ta' Bisfenol S ("BPS") (l-iżviluppatur li qed jissostitwixxi fil-biċċa l-kbira lill-BPA mill-2020, li diġà kien ilu jintuża sew mill-inqas sa mill-2018) fi kwalunkwe waqt. Matul il-PI, kemm l-esportatur Korean kif ukoll il-produtturi tal-Unjoni kienu qed ibigħu kwantitajiet sinifikanti ta' HWTP li jkollha kemm il-BPA kif ukoll il-BPS.

(115) Għalhekk l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tforni prodotti mingħajr BPA matul il-perjodu kkunsidrat. Il-bejgħ mingħandha ta' prodotti mingħajr BPA ma kkontribwixxiex għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u ma naqqasx ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.5. *Kompetizzjoni domestika fost il-produtturi Ewropej*

(116) Il-produttur esportatur allega li l-kompetizzjoni domestika kompliet tnaqqas il-prezzijiet tal-Unjoni: xi produtturi tal-Unjoni għaddew kompletament iż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni fil-prezzijiet tal-HWTP tagħhom, filwaqt li produtturi tal-Unjoni oħrajn iddeċiedew li jżommu l-prezzijiet baxxi sabiex jiksbu ishma mis-suq. Dawn l-istrateġiji differenti komplew jżidu n-nuqqas ta' profittabilità tal-industrija tal-Unjoni.

(117) Il-produttur esportatur ma ssostanzjax dan l-argument b'xi evidenza ta' prattiki antikompetittivi. Xejn fil-fajl ma wera li l-kompetizzjoni fost il-produtturi tal-Unjoni ma kinitx ġusta. Barra minn hekk, il-kompetizzjoni bejn il-produtturi tal-Unjoni ma tfissirx li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping ma sfurzawx lil dawn il-produtturi biex jagħmlu offerti aħjar minn ta' xulxin f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni ġusta, u biex b'hekk ibigħu bi prezzijiet mhux sostenibbli.

(118) Fost il-produtturi Ewropej, il-kumpaniji li żiedu b'relattivament ftit il-prezzijiet, f'mument relattivament tard, ma rawx żieda fl-ishma tas-suq tagħhom. Għall-kuntrarju, bħall-produtturi l-oħra tal-Unjoni, l-ishma tas-suq tagħhom komplew jonqsu matul il-perjodu kkonċernat ([15]).

(119) Għaldaqstant, il-kompetizzjoni domestika fis-suq Ewropew ma kkontribwietx għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u ma naqqasitx ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(120) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Korea kellhom impatt kbir fuq id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Fatturi oħra, li jistgħu jitqiesu b'mod individwali jew kollettiv, bħall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima, l-allegata inkapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tissodisfa d-domanda ta' prodotti mingħajr BPA u l-allegata kompetizzjoni domestika fost il-produtturi Ewropej, tqiesu li żiedu biss id-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Korea, iżda provviżorjament ma nstabx li jnaqqsu r-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

## 6. **INTERESS TAL-UNJONI**

(121) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx b'mod ċar tikkonkludi li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, minkejja li ġie stabbilit dumping dannuż. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq ir-rikonoxximent tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.

([13]) *Sors*: Ir-riżultati tal-investigazzjoni tal-ilmentatur u tal-Kummissjoni.

([14]) Il-karta li jkollha l-BPA hija irħas biex tiġi prodotta u għalhekk normalment hija wkoll orħos minn karti li jkun fihom żviluppaturi oħra.

([15]) *Sors*: L-ilmentatur u l-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

(122) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet interessati kollha. Madankollu hija rċeviet tweġibiet mingħand żewġ importaturi u mingħand ħames utenti biss, li minn fosthom importatur wieħed biss u żewġ utenti ssottomettew il-kwestjonarju.

### 6.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(123) Il-membri kollha tal-ETPA appoġġaw l-ilment. Mill-membri kollha li ma humiex fl-ETPA, Ricoh Industrie France S.A. S. (Ricoh), kienet l-iktar importatni f'termini ta' volumi ta' bejgħ (stmati mill-ilmentatur għal madwar 20 % mill-bejgħ kollu tal-industrija tal-Unjoni). Ricoh esprimiet ruħha favur l-ilment.

(124) Il-Konfederazzjoni tal-Industriji tal-Karta Ewropej ("CEPI") għamlet kummenti dwar l-investigazzjoni u appoġġatha bis-sħiħ, għar-raġuni li l-miżuri anti-dumping kontra l-importazzjonijiet Koreani kienu se jgħinu biex jerġa' jkun hemm kundizzjonijiet ekwi għall-HWTP, u kienu se jibagħtu sinjal qawwi lill-esportaturi, li l-Unjoni Ewropea hija impenjata favur il-kummerċ ħieles globali b'kundizzjonijiet kompetittivi u ġusti.

(125) Il-produtturi tal-Unjoni argumentaw li l-impożizzjoni ta' miżuri tista' tissalvagwardja l-impjiegi, tippromwovi aktar investimenti u tikkontribwixxi biex titreġġa' lura x-xejra ta' tnaqqis fil-profittabilità li ġiet osservata minn meta l-esportatur Korean daħal fis-suq tal-Unjoni. L-impożizzjoni ta' miżuri se tistabbilixxi mill-ġdid kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u livell ġust tal-prezz fis-suq tal-Unjoni, u se ttejjeb il-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni għal livelli kkunsidrati normali għal din l-industrija intensiva fil-kapital.

(126) Għaldaqstant, f'dan l-istadju l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

### 6.2. **L-interess tal-importaturi mhux relatati**

(127) Waħda mill-partijiet wieġbet għall-kwestjonarju tal-importaturi. Din il-parti ma esprimietx opinjoni dwar jekk taqbilx jew le mal-impożizzjoni ta' miżuri. Mix-xiri kollu tal-HWTP li sar minn din il-kumpanija fil-PI, perċentwal relattivament żgħir biss (bejn 10 u 20 %) oriġina mill-Korea, u kienet tiddependi ħafna fuq il-produtturi tal-Unjoni għall-provvista tagħha. Il-marġnijiet tal-profitt irrappurtati, b'mod ġenerali u fuq il-bejgħ mill-ġdid tal-HWTP importata kienu jirrappreżentaw aktar minn 20 % tal-fatturat. Minħabba l-marġini ta' profitt b'saħħtu u l-parti relattivament modesta tax-xiri mill-Korea, id-dazji ma għandux ikollhom effett sproporzjonat fuq is-sitwazzjoni ta' dan l-importatur.

(128) Għalhekk, fl-istadju provviżorju, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-interessi ta' dan l-importatur mhux relatat mhux se jġarrbu dannu mid-dazji anti-dumping fuq l-HWTP.

### 6.3. **Interessi tal-utenti**

(129) Ħames utenti ppreżentaw lilhom infushom mal-Kummissjoni u tnejn minnhom biss taw ftit informazzjoni ddettaljata. L-ewwel wieħed minn dawn it-tnejn bagħat lura kwestjonarju vojt, li jindika kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tikkwantifika l-effetti possibbli ta' xi dazji anti-dumping fuq is-sitwazzjoni tiegħu.

(130) It-tieni utent iddikjara li matul il-kriżi tal-ODB2 il-produtturi tal-Unjoni żiedu l-prezzijiet u ma kinux kapaċi jfornu kwantitajiet suffiċjenti, u għal din ir-raġuni, dar lejn l-esportatur Korean. Madankollu, dan l-utent ma pprovda l-ebda evidenza li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tforni l-kwantitajiet mitluba u jidher li dan l-utent ma aċċettax iż-żidiet fil-prezz marbuta mal-kriżi tal-ODB2, u dar fuq l-esportatur Korean għal prezzijiet oħos. Il-Kummissjoni osservat ukoll li ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali ta' natura temporanja li seħħew fil-passat, bħall-kriżi tal-ODB2, u li għalihom ma hemm l-ebda evidenza li dawn se jerġgħu jseħħu fil-futur matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżuri, ma setgħux jegħlbu l-ħtieġa li jiġu eliminati l-effetti tad-dumping dannuż li jfixklu l-kummerċ. Għaldaqstant din id-dikjarazzjoni ma ntlaqgħetx.

(131) L-ebda wieħed minn dawn iż-żewġ utenti ma pprovda biżżejjed informazzjoni verifikabbli li tippermetti li l-Kummissjoni tagħmel analiżi oġġettiva dwar l-impatt tal-miżuri fuq is-sitwazzjoni tagħhom. B'mod partikolari, it-tnejn li huma ċaħdu t-talba tal-Kummissjoni biex jipprovdu l-marġni tal-profitt tagħhom sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tikkwantifika l-effetti possibbli ta' kwalunkwe dazju anti-dumping fuq il-prestazzjoni tagħhom.

(132) Tliet utenti sostnew li, għall-kuntrarju tal-produtturi Ewropej, l-esportatur Korean kien kapaċi jipprovdi karta termali affordabbli mingħajr BPA. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni uriet li din l-argumentazzjoni hija bla bażi, kif spjegat fil-premessi minn (111) sa (115). Ma ngħatat l-ebda evidenza li l-produtturi tal-Unjoni kien jonqoshom jew ma kinux kapaċi jfornu prodotti mingħajr BPA. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni stabbiliet li l-biċċa l-kbira tal-produtturi Ewropej ilhom jipproduċu prodotti mingħajr BPA għal aktar minn 20 sena.

(133) Tliet utenti opponew l-impożizzjoni potenzjali ta' miżuri fuq il-bażi li l-produttur esportatur żgura provvista stabbli u kien fornitur importanti fis-suq tal-Unjoni. L-ebda waħda minn dawn it-tliet kumpaniji ma pprovdiet evidenza li ssostni d-dikjarazzjonijiet tagħha. Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedet b' 6 % matul il-perjodu kkunsidrat u l-Industrija tal-Unjoni għandha kapaċità żejda sinifikanti. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessi minn (111) sa (115), l-industrija tal-Unjoni, minkejja l-kundizzjonijiet diffiċli tas-suq, dejjem kienet kapaċi tipprovdi kemm karta termali mingħajr BPA u kemm karta bil-BPA matul il-perjodu kkunsidrat.

(134) Fl-istadju provviżorju, il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-effetti ta' impożizzjoni potenzjali ta' dazji fuq l-utenti ma jidhirx li huma akbar mill-effetti possibbli tal-miżuri fuq l-industrija tal-Unjoni. Fil-fatt, l-ebda wieħed mill-utenti ma pprovda informazzjoni affidabbli li tippermetti lill-Kummissjoni tevalwa jekk l-impożizzjoni ta' dazji jkollhiex impatt sinifikanti jew le, fuqhom.

### 6.4. **L-interessi ta' partijiet interessati oħra**

(135) L-esportatur Korean u l-Gvern tal-Korea sostnew li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping timpedixxi lill-klijenti tal-Unjoni milli jkollhom aċċess affordabbli għall-HWTP mingħajr BPA. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni wriet li din id-dikjarazzjoni hija bla bażi.

(136) L-ewwel nett, l-industrija tal-Unjoni wriet li għandha kapaċità suffiċjenti biex tkun tista' ssegwi d-domanda għall-prodotti mingħajr BPA u li tista' taqleb kompletament il-produzzjoni tagħha mill-HWTP bil-BPA għall-HWTP mingħajr BPA. It-tieni, il-livelli tal-istokkijiet tal-industrija tal-Unjoni kienu qed jiżdiedu b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkonċernat, li jfisser li kien disponibbli stokk kbir biżżejjed biex immedjatament tibda tiġi pprovduta l-industrija tal-Unjoni. It-tielet, id-dazji anti-dumping ma jwaqqfux lill-klijenti milli jixtru l-provvista tal-HWTP tagħhom minn barra mill-Unjoni. Hemm sorsi oħra ta' provvista disponibbli kif muri fit-Tabella 11 (Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra). Il-klijenti għalhekk ikunu jistgħu jsibu sorsi alternattivi ta' provvista bi prezzijiet kompetittivi u ġusti.

(137) L-esportatur Korean u l-Gvern tal-Korea sostnew li, jekk ikun hemm nuqqas ieħor ta' materja prima, id-dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet mill-Korea jimminaw serjament l-utenti Ewropej tal-HWTP. Il-Kummissjoni fakkret li l-effett tal-miżuri anti-dumping huwa biex terġa' tiġi stabbilita kompetizzjoni ġusta u effettiva bejn l-atturi kollha, li l-industrija tal-Unjoni għandha biżżejjed kapaċità kif imsemmi fil-premessi minn (65) sa (66) u li l-ebda wieħed mill-utenti li ppreżenta ruħu ma pprovda xi informazzjoni sabiex il-Kummissjoni tkun tista' teżamina dik id-dikjarazzjoni.

(138) L-esportatur Korean u l-Gvern tal-Korea għamlu riferiment għall-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn il-Korea u l-UE, li daħal fis-seħħ fl-2015, u argumentaw li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping tkun ta' ħsara għar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni u l-Korea. Il-Kummissjoni osservat li din mhijiex kunsiderazzjoni li tista' tiġi indirizzata taħt l-analiżi tal-interessi tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni fakkret li skont il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn il-Korea u l-UE, iż-żewġ partijiet qablu li l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ jibqgħu applikabbli bis-sħiħ, u li l-oriġini ta' dan il-proċediment huwa l-aġir tal-produtturi esportaturi Koreani. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet irrifjutata.

### 6.5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(139) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod provviżorju li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-HWTP li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

## 7. **MIŻURI ANTI-DUMPING PROVVIŻORJI**

(140) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar id-dumping, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri provviżorji sabiex ikun evitat dannu ulterjuri għall-industrija tal-Unjoni minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

7.1. **Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu (Marġni tad-dannu)**

(141) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni l-ewwel stabbiliet l-ammont ta' dazju neċessarju biex ikun eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(142) Id-dannu jiġi eliminat jekk l-industrija tal-Unjoni tkun kapaċi tkopri l-kostijiet tal-produzzjoni tagħha, inklużi dawk il-kostijiet li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokolli tagħhom, li għalihom l-Unjoni hija parti, u mill-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia tar-Regolament bażiku, u tikseb profitt raġonevoli ("profitt fil-mira").

(143) L-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku jistabbilixxi l-profitt minimu fil-mira għal 6 %. Skont dan l-Artikolu, sabiex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni trid tqis il-fatturi bħal pereżempju l-livell ta' profittabilità qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Korea, il-livell ta' profittabilità meħtieġ sabiex jitkoprew il-kostijiet u l-investimenti kollha, il-kostijiet tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabilità li wieħed għandu jistenna f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni.

(144) L-investigazzjoni wriet li l-profittabilità reali tal-industrija tal-Unjoni fis-sena 2016, jiġifieri qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet Koreani, kienet fil-livell minn 8 sa 11 %.

(145) Tnejn mill-produtturi fil-kampjun għamlu talba għal investimenti mitlufa. Il-Kummissjoni investigat din il-pretensjoni skont l-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku. Madankollu, il-kumpaniji kkonċernati ma kinux kapaċi jipprovdi evidenza dokumentata biex isostnu din il-pretensjoni, li għalhekk, provviżorjament ma ntlaqgħetx.

(146) Fid-dawl tal-fatti ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża l-marġni ta' profitt miksub mill-industrija fis-sena 2016 bħala l-profitt fil-mira. Dan il-profitt fil-mira ġie miżjud mal-kost tal-produzzjoni reali tal-industrija tal-Unjoni biex jiġi stabbilit il-prezz li ma jikkawżax dannu.

(147) Skont l-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw minn Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokolli taħthom, li għalihom l-Unjoni hija parti, li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 11(2). Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni stabbiliet kost addizzjonali fuq medda ta' bejn EUR 6 u 10 għal kull tunnellata, li ġew miżjuda mal-prezz mhux dannuż.

(148) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu fuq il-bażi ta' tqabbil tal-medja ponderata tal-prezz tal-importazzjoni tal-produttur esportatur li kkoopera fil-pajjiż ikkonċernat, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, mal-medja ponderata tal-prezz mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kull differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjoni. Il-marġni tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' ġie stabbilit b'mod provviżorju għal 22,5 %.

(149) Għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (45), l-istess marġni tal-bejgħ bil-prezz imwaqqa' huwa applikabbli għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha, jekk hemm.

7.2. **Miżuri provviżorji**

(150) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar id-dumping, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri provviżorji sabiex ikun evitat dannu ulterjuri għall-industrija tal-Unjoni minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(151) Il-miżuri anti-dumping provviżorji jeħtieġ li jiġu imposti fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta karta termali tqila li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea, f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblet il-marġni ta' dannu u l-marġni tad-dumping. L-ammont tad-dazji jeħtieġ li jiġi stabbilit fil-livell li hu l-inqas wieħed bejn l-marġini tad-dumping u dak tad-dannu, jiġifieri fil-livell tal-marġini tad-dumping.

(152) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping provviżorji, espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

| Pajjiż | Kumpanija | Marġni tad-dumping (%) | Marġni tad-dannu (%) | Dazju anti-dumping provviżorju (%) |
|---|---|---|---|---|
| Ir-Repubblika tal-Korea | Hansol Paper Co. Ltd | 22,3 | 22,5 | 22,3 |
| | Il-kumpaniji l-oħrajn kollha | 22,3 | 22,5 | 22,3 |

(153) Kif spjegat ukoll fil-premessa (45), il-livell tal-kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jirrappreżentaw l-esportazzjonijiet kollha lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, id-dazju residwu anti-dumping huwa bbażat fuq dak tal-kumpanija li kkooperat.

(154) Ir-rati tad-dazju anti-dumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju huma esklussivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-Korea u mmanifatturat mill-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(155) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' din ir-rata ta' dazju anti-dumping individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([16]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li t-tibdil ma jaffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha. Jekk it-tibdil fl-isem tal-kumpanija ma jaffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat avviż li jinnotifika dwar it-tibdil tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(156) Biex ikun żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, id-dazju anti-dumping għall-kumpaniji l-oħrajn kollha jenħtieġ li japplika mhux biss għall-prodotturi esportaturi li ma jkunux ikkooperaw f'din l-investigazzjoni, iżda anki għall-prodotturi li ma esportawx lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

## 8. **INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVVIŻORJU**

(157) Skont l-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji provviżorji. Din l-informazzjoni saret ukoll disponibbli għall-pubbliku ġenerali permezz tas-sit web tad-DĠ KUMMERĊ. Il-partijiet interessati ngħataw tlett ijiem tax-xogħol sabiex jikkummentaw dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli ddivulgati speċifikament lilhom.

(158) Waslu kummenti mingħand il-grupp Hansol u mill-prodotturi tal-Unjoni fil-kampjun. Il-Kummissjoni qieset il-kummenti li kienu kkunsidrati ta' natura klerikali u kkoreġiet il-marġni kif xieraq.

## 9. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(159) Fl-interess ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti bil-miktub fi żmien 15-il jum u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali fi żmien ħamest (5) ijiem.

(160) Il-konklużjonijiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji provviżorji huma provviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dazju provviżorju anti-dumping ġie impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta karta termali tqila, definita bħala karta termali li tiżen aktar minn 65 g/m$^2$; li tinbiegħ f'rombli b'wisa' ta' 20 cm jew aktar, li jiżnu 50 kg jew aktar (inkluża l-karta) u b'dijametru ta' 40 cm jew aktar (ir-rombli jumbo); b'kisja fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat jew mingħajr kisja; miksija b'sustanza termosensittiva (jiġifieri taħlita ta' kolorant u żviluppatur li tirreaġixxi u tifforma immaġni meta tiġi

([16]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat H, Rue de la Loi 170, 1040 Brussell, il-Belġju.

applikata s-sħana) fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat; u b'kisja ta' fuq jew mingħajrha, li toriġina mir-Repubblika tal-Korea, li bħalissa taqa' fil-kodiċijiet tan-NM ex 4809 90 00, ex 4811 59 00 u ex 4811 90 00 (il-kodiċijiet TARIC 4809 90 00 20, 4811 59 00 20 u 4811 90 00 20).

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping provviżorju applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 għandha tkun 22,3 %.

3. Ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali

*Artikolu 2*

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw il-kummenti bil-miktub tagħhom lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum tal-kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ seduta mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien ħamest (5) ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali għandhom jagħmlu dan fi żmien ħamest (5) ijiem tal-kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tas-Seduta għandu jeżamina t-talbiet ippreżentati barra dan il-limitu taż-żmien u jista' jiddeċiedi dwar jekk l-aċċettazzjoni tagħhom tkunx xieraq.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 għandu japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2020.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN